MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 162/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Y. Farrugia)**
**Vs**
**Lawrence Montebello**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-31 ta' Ottubru, 2008 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi w li ġew maghmula b'rizoluzzjoni waħda –

a. iffalsifika jew biddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, għamel użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;

b. għamel użu xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista'

tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal- merkanzija, jew biegħ merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema;
c. xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew importa għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbħin b'qerq; u cioe' diversi CDs tal-muzika, DVD films u logħob tal-Playstation.
d. fl-istess data, lokalitajiet u ċirkostanżi għal qliegħ, jew bi skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduċja jew ikkopja, jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għal bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra w protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha;
e. sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi
sentenżi mogħtija minn diversi Qrati ta' Malta, liema sentenżi saru
definittivi w ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 298(1)(a)(c)(f) u 298B tal-Kodici Kriminali, sabet lill-appellat hati w peress li l-appellat ammetta fl-ewwel udjenza tal-kawza, kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' elf u mitejn Euro (€ 1,200). Ordnat ukoll il-konfiska tal-materjal esebita w id-distruzzjoni tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-22 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellat hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih u ordnat il-konfiska tal-materjal esebita w id-distruzzjoni taghha, w tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lil Lawrence Montebello ghal multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200) u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi kif ukoll li thassar il-licenzja jew inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali fil-qosor, jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti qatt ma setghet taghti l-piena ta' multa biss fil-kaz odjern.  L-artikoli 18, 49, 50, 298(1)(a)(c)(f) u 298B tal-Kodici Kriminali ma jikkontemplawx il-piena ta' multa biss izda l-piena ta' prigunerija.  Meta l-ligi tipprospetta l-prigunerija bhala piena minghajr ma tikommina bhala alternattiva ghall-piena tal-multa, l-unika mezz li biha Qorti tista' taghti piena ta' multa hija b'applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-imsemmi Kodici Kriminali, w cioe' fejn ikun hemm ragunijiet specjali w straordinarji.  Fil-kaz odjern ma jirrizultaw ebda tali ragunijiet u ghalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tinzel taht il-minimum previst mill-ligi.

Illi, di piu', l-artikolu 18 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghidu li meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, w jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat, izda l-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi; w meta persuna kkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor.

Ghalhekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kienitx fix-xorta jew fil-kwanita' taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghar-reati ammessi mill-appellat.

Semghet it-trattazzjoni dwar l-piena;

Ikkonsidrat;

Illi l-artikolu 298 (1) li bi ksur tieghu gew kommessi r-reati a, b u c dedotti kontra l-appellat u minnu ammessi jippreskrivi biss il-piena ta' prigunerija minn erba xhur sa

sena w ma jipprovdix ghall-piena pekunjarja. L-artikolu 298B, li jirrigwarda l-akkuza 2, invece jippreskrivi piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sena jew multa ta' mhux izjed minn €11,646.87 jew dik il-multa w prigunerija flimkien.

Peress li hawn gew ammessi w rrizultaw ir-reati kemm taht l-artikolu 298(1) u dak taht l-artikolu 298B, bir-regoli tal-konkors tal-pieni, kellha tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi b' zieda ta' nofs jew terz tal-piena ghar-reati l-ohra. F' dal-kaz indubbjament r-reati l-aktar gravi hu dak kontemplat fl-art. 298 (1) ghaliex, ghalkemm il-piena tal-prigunerija massima hija l-istess bhal dik kontemplata fl-artikolu 298B, fil-kaz tal-artikolu 298(1) hemm minimu ta' erba xhur prigunerija stabilit fil-waqt li l-artikolu 298B mhux biss ma jikkontemplax minimu tal-prigunerija, imma addirittura jaghmilha possibbli li tinghata piena pekunjarja ta' multa wahedha w minghajr prigunerija.

Ghalhekk taht kull aspett l-Avukat Generali ghandu ragun li f' dal-kaz ma setghetx tigi erogata piena pekunjarja biss.

L-Ewwel Qorti ma ccitatax xi ragunijiet specjali w straordinarji li setghu jiggustifikawha li tinzel taht il-minimum ta' erba xhur prigunerija skond l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali w certament l-ammissjoni bikrija ma hix wahda minn dawn ir-ragunijiet specjali w straordinarji li ghandha tiggustifika inzul taht il-minimum preskritt mill-ligi. Se mai din tista' w mhux dejjem twassal biex il-piena tinghata f' forma ridotta w vicin il-minimu izda mhux li tinzel taht il-minimum.

F' dan il-kaz l-appellat umbaghad ammetta kemm ir-reat kontinwat kif ukoll l-addebitu tar-recidiva li minnhom innifishom setghu iwasslu biex il-piena minima tizdied bi tlett gradi komplessivament ghal wahda ta' disa' xhur u dik massima ghal wahda ta' tlitt snin skond l-artikoli 18, 50 u 31 (1) (b) (x) u (xiii) u (xi) u (viii) rispettivament u dan fuq ir-reati a., b. u c komprizi fl-ewwel imputazzjoni. biss, minghajr ma jitqies il-konkors tal-pieni skond l-artikolu 17 (b). Dan pero’ jibqa’ fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tapplikax tali ziediet ta’ gradi fil-piena.

Ikkonsidrat;

Ghalhekk f'kull kaz, kienet applikabbli bhala minimu il-piena ta' erba xhur prigunerija ghar-reati li jaqghu taht l-ewwel, imputazzjoni, biz-ziediet applikabbli skond l-art. 17(b).

Ghalhekk l-Ewwel Qorti giet li erogat piena inqas minn dik preskitta mill-ligi u dan bla ma invokat xi ragunijiet specjali jew straordinarji, skond l-artikolu 21 tal-Kodici Krminali. Fil-verita', din il-Qorti ma tarax li kien hemm xi ragunijiet specjali jew straordinarji li jirrendu l-artikolu 21 applikabbli. Certament li l-ammissjoni bikrija ma ghandhiex titqies bhala raguni specjali jew straordinarja biex tinghata piena taht il-minimu preskritt mill-ligi.

Inoltre, stante li l-appellat ammetta ukoll l-addebitu tar-recidiva, din il-Qorti hija prekluza milli f' dan il-kaz tapplika sentenza sospiza a tenur tal-artikolu 28(A) (7)(b) tal-Kodici Kriminali.

Inoltre mill-fedina penali tal-appellat jirrizulta li din hija t-tielet darba li hu instab hati ta' reati simili apparti li hu gie misjub hati ta' diversi reati ohra. Ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tapplika xi provvediment iehor taht il-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha, fejn, fuq ammissjoni tieghu stess, sabet lill-appellat hati tal-akkuzi kollha w tal-addebitu tar-recidiva u fejn ikkundannatu ghall-multa ta' elf u mitejn Ewro , b' dana li din tigi konsidrata bhala l-piena ghat-tieni imputazzjoni biss u fejn ordnat il-konfiska tal-materjal esebit u, b' zieda ma din il-piena, tikkundannah ghall-piena ta' erba' xhur prigunerija ghar-reati komprizi fl-ewwel imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------